

Brussell, 18 ta' Mejju 2018  
(OR. en, fr)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0312 (NLE)**

---

---

9054/18  
ADD 1 REV 1

RECH 187  
COMPET 320  
ATO 29

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8695/18 RECH 170 COMPET 283 ATO 25 + REV 1 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 <i>- Approċċ Ġenerali</i> <i>- Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Lussemburgiża</i>

---

**DIKJARAZZJONI MID-DELEGAZZJONI AWSTRIJAKA**

L-Awstrija segwiet approċċ kostruttiv tul in-negozjati dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2019/20, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jitkomplew il-miżuri biex jiżiedu s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej u l-ambjent tagħhom.

Il-kontenut tal-Approċċ Ġenerali fis-sustanza huwa identiku għall-programm fis-seħħ bħalissa (2014-2018). Għaldaqstant il-pożizzjoni Awstrijaka għandha l-istess ukoll. L-Awstrija tilqa' l-enfasi fuq l-aspetti tas-sikurezza u sigurtà tul it-test. Madanakollu, l-Awstrija xorta għadha kritika ferm fil-konfront tal-finanzjament mill-UE jew kwalunkwe qafas ta' appoġġ għal impjanti tal-enerġija nukleari. Għaldaqstant l-Awstrija beħsiebha tastjeni.

## **DIKJARAZZJONI MID-DELEGAZZJONI LUSSEMBURGIŻA**

Il-Lussemburgu jirrikonoxxi l-importanza tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, kif ukoll il-ħtieġa li titpoġġa l-enfasi akbar fuq is-sikurezza nukleari, b'mod li jikkontribwixxi għal bidla fir-riċerka nukleari. Għaldaqstant il-Lussemburgu jilqa' l-kompromess filwaqt, madankollu, li jżomm l-attitudni kritika tiegħu fir-rigward tar-riċerka nukleari iġġenerali.

Madankollu, il-Lussemburgu jišhaq li fil-futur il-fondi tal-UE għar-riċerka u t-taħriġ għandhom ikunu orjentati aktar favur l-enerġija rinnovabbli.

Peress li l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) ma jagħtix bidu għal din il-bidla fl-orjentament favur l-enerġija rinnovabbli, il-Lussemburgu ma jistax jaqbel miegħu fl-intier tiegħu u, għaldaqstant, ser jastjeni milli jivvota.